Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2021

**Il-Ħamis 30 ta' Settembru, 2021**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fit-3:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier *(online)*
Charles Cesare – Kunsillier *(online)*
Raymond Lanzon – Kunsillier*(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku *(online)*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

12.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li Omar Elaref Arab ma kienx preżenti u sa qabel il-laqgħa ma kien bagħat ebda apoloġija.

### 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 11/K8/2021.

12.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K8/2021 kif ippreżentati.

12.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4130/21/I** Email mingħand il-Perit Matthew Cachia Zammit fejn qed jerġa' jikteb f'isem il-klijent tiegħu fejn ikkonferma li jaqbel ma dak ssuġġerit mill-Perit tal-Kunsill dwar il-bankina fi Triq Patri A. Tonna Barthet iżda ma jaqbilx biss fuq ir-rainwater pipe.

12.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4130/21/I** fejn irrimarka li jidher li l-Perit tar-resident u l-Perit tal-Kunsill qablu li biex tissolva l-problema jeħtieġ li togħla l-għoli tal-bankina msemmija, li fil-fehma tiegħu ser taggrava s-sitwazzjoni għaliex f'dak il-każ, il-bankina ser issir aktar diffiċli li titqabbad mal-kumplament tar-rampa. Il-kelliem żied li minkejja kollox, jekk hemm qbil li jsir dan bejn il-periti, dan ix-xogħol għandu jiġi eżegwit minn kuntrattur liċenzjat imqabbad mir-resident jew mill-kuntrattur tal-Kunsill għas-spejjeż tar-resident, bi sforz li l-bankina titqabbad ukoll mar-rampa, minkejja d-diffikultajiet li hemm, u li l-katusa titniżżel taħt il-livell tal-bankina. Għalhekk il-kelliem ippropona li jkun għaqli li ż-żewġ Periti jiltaqgħu fuq il-post fil-preżenza tar-resident u tal-Kunsill biex jiġi konkluż dan il-każ.

12.3.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4143/21/I** Email mingħand Studio Fifteen fejn talab permess mill-Kunsill biex isiru sinjali ta' direzzjoni madwar il-lokal li juru ċirkwit ta' 3km / 6km / 10km.

12.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4143/21/I** fejn irrimarka li fil-fehma tiegħu l-Kunsill m'għandux jilqa` din it-talba għaliex fil-passat diġa saru talbiet simili għal sinjali permanenti li ġew rifjutati u għalhekk issa ma jkunx ġust li tintlaqa` talba oħra. Il-kelliem żied li minkejja kollox, f'każ li l-proponent jixtieq jagħmel kampanji edukattivi marbutin ma' rotot tal-ġiri u/jew mixi għal perjodi limitati u maqbulin minn qabel, il-Kunsill għandu

jippermetti tali sinjali, u f'dak il-każ għandu l-Kunsill ukoll jgħin fit-tixrid ta' materjal edukattiv relatat mas-saħħa u l-eżerċizzju fiżiku fuq il-mezzi tiegħu.

12.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4157/21/I** Email mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti fejn b'referenza għall-email mibgħuta dwar Queens Baton Relay nforma l-Kunsill li ser jara jekk hux possibbli li jinbidlu xi ħinijiet u qed iħeġġeġ lill-Kunsill huwiex possibbli li tiġi organizzata din iż-żjara qasira b'mod differenti.

**46/4189/21/I** Email mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti fejn b'referenza għall-Queen's Baton Relay informaw lill-Kunsill li jistgħu ibiddlu l-ħin tal-attività għal bejn is-1.00pm u 2.00pm.

12.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4157/21/I u 46/4189/21/I** fejn stieden lill-Kunsillier Ray Lanzon, li kien ħareġ bis-suġġeriment li l-Kunsill jipparteċipa, sabiex jaqsam il-fehmiet tiegħu mal-Kunsill.

12.3.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li ser tkun diffiċli li jkun hemm il-preżenza u l-parteċipazzjoni ta' terzi u għalhekk il-Kunsill għandu jinforma lill-MOC li għal din id-darba l-Kunsill mhux ser jipparteċipa.

12.3.9 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4160/21/I** Ċirkulari AKL 2021/083 - President's Solidarity Fun Run 2021 li ser issir fl-14 ta' Novembru 2021.

**46/4214/21/I** Email mingħand Reġjun Tramuntana fejn b'referenza għall-President's Solidarity Fun Run 2021 li ser issir fl-14 ta' Novembru 2021 talbu li jingħataw risposta sal-15 ta' Settembru jekk il-Kunsill huwiex ser jipparteċipa.

12.3.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4160/21/I u 46/4214/21/I** fejn fakkar li l-Kunsill diġa issottometta l-interess tiegħu u li dalwaqt ser inkunu qiegħdin nibdew il-proċess sabiex niġbru r-reġistrazzjonijiet. Il-kelliem fakkar ukoll fl-importanza li l-Kunsilliera kollha juru l-impenn tagħhom f'din l-attività ta' fejda bi skop nobbli, u fid-dawl ta' dan il-kelliem talab lill-membri biex joħorġu b'suġġerimenti li jirrigwardjaw kif ser jinġabru minn tal-inqas 100 parteċipant fil-mixja, jiġu identifikata u avviċinata nies mill-lokalita' bħal politiċi, VIPs, influencers, kantanti etc sabiex jingħaqdu mar-residenti għal din il-mixja, kif ukoll kif ser tinħoloq atmosfera ta' ċelebrazzjoni fil-lokal, bħal pereżempju b'ko-ordinazzjoni ma' xi għaqdiet oħra billi forsi jiżżejnu xi toroq li fihom ser tkun qed issir il-mixja u tindaq xi mużika.

12.3.12 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4202/21/I** Email mingħand resident fi Triq l-Isqof Angelo Portelli fejn bagħat ritratti u rapport tal-perit u qed jitlob li tkun rilaxxata l-garanzija bankarja marbuta mal-iżvilupp li għamel.

12.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4202/21/I** fejn ippropona li l-garanzija bankarja għandha tiġi rilaxxata invista tal-fatt li l-bankina tħalliet fi stat sodisfaċenti.

12.3.15 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4225/21/I** Email mingħand riċerkatur fejn staqsa jekk għandiex xi żvilupp sabiex jiġi jispezzjona ġwiebi għall-ktieb li ser jippubblika qabel ma jimtlew bl-ilma.

12.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4225/21/I** fejn irrimarka li l-Kunsill ipprovda l-aċċess kollu li kien meħtieġ sabiex dan iseħħ u li fil-fatt inbidel ukoll l-aċċess ta' għadd ta' ġwiebi peress li l-katnazzi kienu antiki. Il-kelliem żied li r-riċerkatur għandu jkellem lura lill-Kunsill sabiex f'każ ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni li jistgħu ikunu possibbli li jiġu eżegwiti sabiex nassiguraw l-użu aktar fit-tul ta' dawn il-ġwiebi, dan ikun jista' jsir.

**46/4227/21/I** Email mingħand LESA fejn informaw lill-Kunsilli li ħarġet is-sejħa għall-Fondi - Proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2022).

12.3.18 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4227/21/I** fejn ippropona li ġaladarba l-linji gwida ta' tali fondi jinkludu l-possibilità ta' CCTV sabiex itejbu s-sigurtà ta' spazji pubbliċi, il-Kunsill għandu japplika għall-fondi sabiex titjieb is-sitwazzjoni ta' anarkija li spiss ikun hemm quddiem l-istabbiliment kummerċjali fil-viċinanzi tal-iskola primarja, bl-intiża li titjieb l-aċċessibilita` u s-sigurtà ta' min jagħmel użu mill-akwata, b'mod speċjali tfal.

12.3.19 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li għal kull proġett, l-Aġenzija ser tkun qed tħallas sa 80% tal-proġett sa massimu ta' €80,000 għal kull proġett.

12.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4245/21/I** Ċirkulari mingħand AKL 2021/084 dwar CSR Event - Regional and Local Councils għal żmien il-Milied.

12.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4245/21/I** fejn ippropona li ġaladarba l-unika entita` fil-lokalita` li tista` tibbenefika mill-attività u għotjiet simili hija Dar Warda, il-Kunsill għandu jissuġġerixxi din l-istess entita` lir-Reġjun.

12.3.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4334/21/I** Email mingħand Sixth Energy Malta fejn bagħtu Local Council Performance Report għas-sena 2020.

12.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4334/21/I** fejn irrimarka li l-Kunsill għandu tassew biex ikun kburi b'dan ir-rapport fejn prattikament il-lokalita` u l-Kunsill ġie ikkonfermat li qiegħdin aqwa mill-average nazzjonali prattikament f'kull aspett fir-rapport. Fost statistika interessanti oħra nsibu li l-average national performance indicator f'dak li għandu x'jaqsam mat-tunellaġġ ta' skart miġbur minn kull residenza huwa ta' 157kg minn kull household, filwaqt li f'Pembroke huwa ta' 75kg, l-average national performance indicator f'dak li għandu x'jaqsam ma perċentwal ta' skart mibgħut għar-riċiklaġġ huwa ta' 45.9%, filwaqt li f'Pembroke huwa ta' 59.2%, l-average national performance indicator f'dak li għandu x'jaqsam ma street cleanliness huwa ta' 17, filwaqt li f'Pembroke huwa ta' 9.5. Il-kelliem irrimarka wkoll li dan ir-riżultat mhuwiex biss tal-Kunsill imma wkoll tar-residenti u għalhekk il-Kunsill għandu jippubblika dawn ir-riżultati bi prominenza fuq il-mezzi soċjali tiegħu.

12.3.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4378/21/I** Email mingħand il-Vice Squad fejn staqsew jekk hemmx bżonn l-assistenza mis-sezzjoni tagħhom fil-lokal.

12.3.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4378/21/I** fejn irrimarka li fil-fehma tiegħu din il-laqgħa mhijiex meħtieġa għaliex mhuwiex konxju ta' problemi fil-pubbliku li jikkonċernaw lil tali taqsima tal-Pulizija u li f'kull każ qiegħed iżomm kuntatt kontinwu mal-Community Police Team f'każ ta' anti-social behavior li jiġi nnotat minn żmien għal żmien.

12.3.29 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4406/21/I**
**46/4499/21/I** Email mingħand Sport Malta fejn b'referenza għall-European Week of Sports bejn 23 u t-30 ta' Settembru talbu lill-Kunsill biex tintgħażel data sabiex norganizzaw xi attività' fil-miftuħ fil-lokal bejn il-5.30pm u s-7.30pm, f'waħda mid-dati ta' 5, 7, 8, 12, 13, 14 jew 15 t'Ottubru 2021.

12.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4406/21/I u 46/4499/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill javviċina lil Pembroke Eurobasket sabiex jara jekk hux possibbli li jassiguraw l-parteċipazzjoni tagħhom. Il-kelliem informa wkoll li s-Segretarjat Parlamentari ser ikun qiegħed ukoll joffri coach f'każ li l-attività sseħħ sabiex il-ġenituri li jattendu mat-tfal ukoll jagħmlu l-eżerċizzju fiżiku bħal Zumba jew xort'oħra t'attività. Il-kelliem żied li l-Kunsill ikun jeħtieġ li jipprovdi sit sigur fejn dan jista' jseħħ u allura l-multipurpose court rinnovat riċentament bl-għajnuna wkoll tal-istess Segretarjat Parlamentari ikun ideali.

12.3.32 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4476/21/I** Email mingħand Med Developers Designers & Consultants Ltd. bi stima ta' kemm ser jiswa biex jiġi rranġat il-Ġnien Madre Tereza ta' Kalkutta.

12.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4476/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din il-BOQ u nforma lil Kunsilliera li qiegħed f'kuntatt kontinwu mal-Perit tal-Kunsill sabiex id-dokumentazzjoni kollha tiġi kompilata malajr kemm jista` jkun sabiex jinħarġu t-tenders li neħtieġu għax-xogħol li jrid isir.

12.3.35 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4505/21/I** Ċirkulari mingħand AKL 2021/094 dwar il-Pink October.

12.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4505/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill għax-Xahar ta' Ottubru jixgħel il-funtana tal-Kunsill b'lewn roża, u jgħaddi r-ritratti kemm fuq il-medja soċjali tal-Kunsill kif ukoll lil AKL li teħtieġ il-materjal sabiex isir il-filmat imsemmi fl-avviż.

12.3.38 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4512/21/I** Email mingħand il-Med Developers, Designers & Consultants Ltd. fejn b'referenza għax-xogħol ta' bdil ta' bankini fi Triq Dun Amabile Sisner bagħat lista ta' problemi li hemm.

12.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4512/21/I** fejn irrimarka li l-problemi li jidher li hemm fit-triq mhumiex insormontabbli u li bi ftit paċenzja jistgħu jiġu diskussi mar-residenti u l-proġett tal-bankina f'din it-triq jinbeda wkoll. Il-kelliem żied li ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill u kif ukoll mal-kuntrattur sabiex jiġi diskuss dan ix-xogħol u kif ukoll dak li hu meħtieġ fi Ġnien M. Tereza ta' Kalkutta. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jieħu nota tal-problemi li hemm l'iżda m'għandhomx jibdlu l-impenn tal-Kunsill li tinbidel din il-bankina.

12.3.41 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4523/21/I** Email mingħand LGD dwar Servizzi għall-Anzjani fil-Komunita'.

12.3.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4523/21/I** fejn talab lill-Kunsillier Raymond Lanzon jagħmel l-intervent tiegħu, bħala Kunsillier responsabbli mid-dikasteru.

12.3.44 Il-Kunsillier Raymond Lanzon qal li ser jerġa jitkellem mad-Dipartiment konċernata biex jara kif laqgħat simili jistgħu jsiru fil-Kunsill.

**46/4540/21/I** Email mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti fejn informaw lill-Kunsill li ser jerġgħu jorganizzaw l-MOC Sports Awards għall-Kunsilli Lokali li ser issir f'Diċembru 2021.

12.3.45 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4540/21/I** fejn talab li jerġa' jsir komunikat mal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għall-kummenti tiegħu, bħala Kunsillier responsabbli mid-dikasteru.

**46/4559/21/I** Email mingħand Miss Pembroke fejn informat lill-Kunsill li ser tieħu sehem f'Miss Malta u ser tirrappreżenta lill-lokal ta' Pembroke u talbet laqgħa mas-Sindku.

12.3.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4559/21/I** fejn informa lill-Kunsill li din il-laqgħa ser ssir fil-jiem li ġejjien.

**46/4578/21/I** Email mingħand Ambjent Malta fejn informaw lill-Kunsill li wara diskussjoni li kellhom mad-Direttur tal-Proġetti ambjentali u dan l-aħħar ukoll ma' Nature Trust, hemm persuna mill-lokal li lest li jgħin fl-emellishment ta' soft areas fil-lokal u talab jiltaqa' mal-Kunsill.

12.3.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4578/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa` mar-rappreżentant tal-aġenzija msemmija, inċidentalment resident tal-lokalita`, sabiex jiddiskuti l-possibilitajiet. Il-kelliem talab lil Kunsill jekk hemmx qbil li l-Kunsill jissuġġerixxi li jsir embellishment fl-akwata tal-ġnien ta' San Patrizju u inizjattivi ta' urban greening fl-akwata ta' San Patrizju.

12.3.48 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.3.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4478/21/I** Rapport mingħand ERS Ltd. ta' servizz li sar permezz ta' CCTV fil-katusi tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq San Ġorġ Preca.

12.3.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4478/21/I** kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa preċedenti fejn ippropona li tiġi ratifikata d-deċiżjoni li dan ix-xogħol isir permezz ta' direct order, kif ukoll li wara t-testijiet li saru, żied li dawk kollha identifikata li qed jiddisponu minn ilma fl-istess katusi li m'huwiex ilma tax-xita, għandhom jingħataw ġimgħatejn ċans biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom. Il-kelliem ippropona wkoll li mingħajr preġudizzju l-Kunsill jitlob l'għajnuna ta' IM biex tiġi rranġata parti mill-katusa kif ukoll, jekk ma jsirux minn IM, imma għas-spejjeż tal-Kunsill, isiru żewġ manholes fit-tarf tat-triq kantuniera ma' Triq Salvatore Castaldi biex tkun tista' issir il-manutenzjoni meħtieġa meta jkun il-bżonn.

12.3.51 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

12.3.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

12.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, Is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 12.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta’ xogħlijiet.

12.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 09/2021 -** Kwotazzjoni PLC-Q-01-2021 għall-provvista u installazzjoni ta’ PV inverter **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 10/2021** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 11/K8/21 u 12/K8/21 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 11/2021 -** Kwotazzjoni PLC-Q-02-2021 għall-provvista ta’ executive chair. **(Dok. 3)**

12.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 10/2021** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

12.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 11/2021**, fejn ippropona li għandha tintgħażel l-aktar offerta vantaġġuża abbażi mhux tal-prezz biss iżda abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet li qed jiġi offrut.

12.5.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti.

12.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 9)**

12.6.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

12.6.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.7 SPI/SCI/6/2021 - Espressjoni ta’ Interess – Finanzjament Milied 2021.

**46/4387/21/I** Ċirkulari mingħand LGD numru SPI/SCI/6/2021 dwar Espressjoni ta’ Interess – Finanzjament Milied 2021.

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-espressjoni ta’ interess ħa tkun qed tinkoraġġixxi esibizzjonijiet u tradizzjonijiet tal-Milied antiki Maltin li qed jintilfu, sabiex ikunu jistgħu jibqgħu ħajjin u jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra, filwaqt li l-objettivi prinċipali huma għal-aktar tkabbir ekonomiku fuq livell lokali, aktar promozzjoni ta’ artisti lokali f’diversi setturi, aktar koeżjoni fil-komunità, inklużjoni, saħħa u benessere u l-promozzjoni ta’ tradizzjonijiet Maltin, tagħlim, innovazzjoni, kreattività, programmi ta’ kwalità u sostenibbli għal futur.

12.7.2 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri.

12.7.3 Fid-dawl li ma kien hemm ebda rispons, is-Sindku Dean Hili qal li ser jara d-dokument u jiġi lura.

| | |
|---|---|
| **46/4646/21/I** **46/4647/21/I** **46/4648/21/I** | Tlett kwotazzjonijiet għal-provvista u l-installazzjoni ta' dawl dekorattiv fit-toroq tal-lokal għal żmien il-Milied. |

12.7.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4387/21/I, 46/4646/21/I, 46/4647/21/I u 46/4648/21/I** bi stimi miġbura konnessa mad-dawl dekorattiv li jsir fit-toroq fi żmien il-Milied fejn ippropona li għandha tintgħażel l-irħas offerta, liema xogħol din is-sena qed jipproponi li għandu jinkludi ukoll iż-żona ta' San Patrizju. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ikun hemm il-bżonn, ix-xogħol għandu jiżdied suġġett li tibqa l-irħas offerta u suġġett li tkun fil-parametri tal-kwotazzjoni.

12.7.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

12.7.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.8 Kwotazzjoni għall-provvista u installazzjoni ta' PV inverter.

12.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 9/2021** dwar provvista u installazzjoni ta' PV inverter, fejn ippropona li tintgħażel it-tieni l-irħas offerta peress li għal differenza żgħira fil-prezz ta' €95.00, il-Kunsill ser ikun qed jingħata 10 snin garanzija minflok 5 snin u Inverter ta' 2.0kW minflok 1.6kW.

12.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.9 2021/01 - EoI - Junior Science Club Animators.

12.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Espressjoni t'interess maħruġa mill-Kunsill liema espressjoni tagħlaq nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru 2021. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li jinħatar Bord biex jevalwa s-sottomissjonijiet li jkun hemm u li jkun responsabbli mill-intervisti fejn fuq il-Bord għandu jkun hemm jirrappreżentaw lill-Kunsill, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll membru maħtur miċ-Ċentru tax-Xjenza Pembroke, li magħhom qed isir dan il-proġett. Il-kelliem żied ukoll li r-rapport tal-Bord ser jiġi iċċirkolat lill-membri tal-Kunsill biex kemm jista' ikun malajr, dejjem jekk ikun hemm applikazzjonijiet, tkun tista' tintgħażel persuni u jinħarġu l-applikazzjonijiet għall-pubbliku biex japplikaw l-istudenti.

12.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.10 Mozzjonijiet.

12.10.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 12.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.11.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fl-4:50pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru 2021 fl-4:00pm.

**Konfermati, illum 28 ta' Ottubru, 2021**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 09/2021** **16 ta' Settembru 2021**

# Kwotazzjoni għall-provvista u installazzjoni ta' PV inverter

| Dettalji tal-kumpanija | Mudell | kw | Garanzija | Stennija | Prezz € |
|---|---|---|---|---|---|
| Alternative Technologies | SMA SB2100TL | | 5 | available | 1,121.00 |
| | Sofar 2200TL | | 10 | 3-4 weeks | 1,354.64 |
| Bajada New Energy | Huawei | 2.0kW | 10 | | 1,300.00 |
| Renergy Ltd | Huawei | 2.0kW | 10 | 4-6 weeks | 995.00 |
| CD Power Solutions Co. | Omnik | 2.5kW | | available | 1,300.00 |
| EMS | X1-2.0 Mini | 2.2kW | 10 | | 1,500.00 |
| Solar Solutions | SMA SB1600TL | 1.6kW | 5 | 10 days | 900.00 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 10/2021** **30 ta' Settembru 2021**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 11/K8/21 u 12/K8/21

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 90 | 2021 | Mica Med | Lampa R023 maqtugħa fi Ġnien Clifford Micallef fi Triq ANZAC k/m Triq FX Caruana u lampa R033 maqtugħa fi Ġnien Clifford Micallef fi Triq ANZAC k/m Triq Giorgio Mitrovich |
| 91 | 2021 | Mica Med | Lampa W178 fi Triq ANZAC mal-ġenb tal-Australia Hall |
| 96 | 2021 | Pembroke Hardware Store | Tissupplixxi xiri ta' materjal għal-xogħol ta' manutenzjoni. |
| 97 | 2021 | Mica Med | Tikkonnettja l-cable li hemm taħt l-art mal-lampi Y142 u Y143 fi Trejqet Giuseppe M.Letard. |
| 98 | 2021 | Mint Health Ltd | Tissupplixxi landa ta' sanitizer (spirtu) ta' 5 litri (Prezz: €29.00 eskluż il-VAT) |
| 99 | 2021 | ERS Ltd (Environmental recycling services) | Spezzjoni bi CCTV ta' rain water culvert fi Triq Salvatore Castaldi |
| 100 | 2021 | Mica Med | Photocell li hemm fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta |
| 101 | 2021 | J&K Contractors | 1. Jiġi irranġat il-coping tal-ħajt ta' Ġnien 4 ta' Lulju, 2. Jiġi irranġat gutter li hemm fil-parkeġġ ta' quddiem l-ITS. |
| 102 | 2021 | B. Grima and Sons | Jitwalu l-ismijiet tat-toroq mal-blokka tal-konkos f'St.Patricks |
| 103 | 2021 | AKL | Group Life Policy għall-Kunsilliera |
| 107 | 2021 | J&K Contractors | Jiġu rranġati gradilja fi Triq Camillo Sciberras |
| 108 | 2021 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal mera li tinsab fi Triq Alamein faċċata tal-grada tal-Jobsplus fejn il-bring in Sites |
| 109 | 2021 | B. Grima and Sons | 7 ismijiet tat-toroq f'St Patricks |
| 110 | 2021 | Mica Med | Lampa t-teptep Y098 fuq arblu li tinsab fi Triq Il-Kurunell Cocks fin-nofs quddiem dar no 30 |
| 111 | 2021 | Smart Office Supplies | Stationery |
| 112 | 2021 | B. Grima and Sons | Biex tissupplixxi u twaħħal tabella tan-'No BBQ u 'No Camping ecc fejn ir-Reverse Osmosis |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 113 | 2021 | B. Grima and Sons | Biex isiru parking lines fil-parking area tal-Kunsill |
| 114 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa W149 fi Triq Fra Francesco Wizzino |
| 115 | 2021 | Mica Med | Jiġu rranġata diversi lampi fi Ġnien Clifford Micallef |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 11/2021** **30 ta' Settembru 2021**

# PLC/Q/02/2021 - Kwotazzjoni għall-provvista provvista ta' executive chair

| Dettalji tal-kumpanija | Mudell | Prezz € |
|---|---|---|
| **BSL Lifestyle Ltd.** | Goal | €489.00 + Vat = €577.02 |
| **Invicta** | Sonata Lux XXL | €550.00 |
| **Oxford House** | True Blue Gesture | €975.00 |
| | Gesture Task Chair | €1,416.00 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg